PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2008/0140(CNS)

27.1.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali
(COM(2008)0426 – C6-0291/2008 – 2008/0140(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Amalia Sartori

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-prinċipji komuni ta' libertà, demokrazija, rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali. L-għarfien essenzjali tal-karattru uniku ta' kull individwu u tad-dritt tiegħu għal aċċess indaqs għall-possibilitajiet li toffri l-ħajja huwa element komuni tas-soċjetajiet Ewropej kollha li l-pedament tal-unjoni tagħhom huwa "Magħquda fid-diversità".
Id-diverstià tas-soċjetajiet Ewropej tirrappreżenta element ċentrali tal-integrazzjoni kulturali, politika u soċjali tal-Unjoni u għandha tkun irrispettata, bl-istess mod trid tintgħeleb id-diskriminazzjoni li tirrappreżenta theddida għall-valuri li fuqhom hija msejsa.

Il-ħidma Ewropea li għandha l-għan li tiggarantixxi ugwaljanza bejn il-persuni għandha tradizioni twila. It-Trattat ta' Amsterdam ta setgħat ġodda għat-twettiq ta' ħidma kontra kull tip ta' diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess, ir-razza u l-oriġini etnika, ir-reliġjoni jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Diġà hemm liġi u protezzjoni fuq il-livell Ewropew fir-rigward tad-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Meta din id-direttiva tiġi adottata se jkun tlesta l-proċess ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13 tat-Trattat KE, billi l-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni kontra d-diskriminazzjoni jiġi estiż għal kwalunkwe għamla ta' diskriminazzjoni msejsa fuq ir-razza, l-oriġini etnika u s-sess u b'hekk tispiċċa kwalunkwe idea ta' ġerarkija fil-protezzjoni.

F'dak li jirrigwarda l-qasam speċifiku ta' interess għall-kumitat tagħna, it-twettiq ta' dan l-objettiv ambizjuż, fl-oqsma ta' kompetenza tagħna, jeħtieġ tweġiba wiesgħa biżżejjed biex tinkludi t-tradizzjonijiet u l-istrateġiji nazzjonali f'dan il-qasam, pereżempju l-kura tas-saħħa jew tal-protezzjoni soċjali għandhom it-tendenza li jkunu aktar diversifikati minn dawk marbuta mas-settur tax-xogħol.

Minkejja li sar progress, il-qafas ġuridiku Ewropew li jippermetti l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, għadu mhux lest. Xi Stati Membri adottaw miżuri li jipprojbixxu, lil hinn minn dak diġà maħsub fil-qasam tal-koperazzjoni, kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni msejsa fuq l-età, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabilità, ir-reliġjon jew it-twemmin, imma bħalissa, ma jeżistix livell minimu uniformi ta' statistika dwar dawn u ta' protezzjoni. Minkejja lacune bħal dawn, l-Unjoni Ewropea għandha waħda mis-sistemi ġuridiċi l-aktar evoluti fid-dinja, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

It-talba għal intervent aktar b'saħħtu tiġi l-ewwel miċ-ċittadini li jistennew li tittieħed azzjoni dejjem aktar komuni fil-qasam, lil hinn minn dak li diġà huwa maħsub u f'setturi differenti, bħall-għajnuna fis-saħħa, fejn għad hemm differenzi bejn l-Istati Membri u d-diskriminazzjoni li titwettaq spiss fir-rigward tal-kategoriji vulnerabbli, anki fl-Istat stess.

F'Unjoni daqshekk avvanzata f'ħafna setturi għad hemm tgħaġġib, b'mod negativ, dwar in-nuqqas ta' dixxiplina komuni fil-qasam tad-diżabilità, il-vjolenza u l-fastidju sesswali, in-nuqqas ta' rikonoxximent xieraq tad-drittijiet fundamentali li f'soċjetà kontemporanja ma jistgħux ma jkollhomx ħarsien ekwivalenti mil-liġi.

Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni teħtieġ l-investiment fil-kuxjenza ta' soċjetà li tikber permezz tal-integrazzjoni, imma sabiex titwettaq teħtieġ li tinvesti fl-edukazzjoni,

informazzjoni, tixrid tal-aħjar prattiki, billi tfittex li ssib kompromess tajjeb, il-punt komuni, ta' ekwilibriju bejn l-għadd kbir ta' diversitajiet li għandha, għall-ġid u l-interess taċ-ċittadini kollha tagħha.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Skond l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-prinċipji ta' libertà, demokrazija, rispett għal drittijiet *umani* u libertajiet fundamentali, u l-istat tad-dritt, prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri kollha u tirrispetta drittijiet fundamentali, kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet *Umani* u Libertajiet Fundamentali u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, bħala prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja.	(1) Skond l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-prinċipji ta' libertà, demokrazija, rispett għad drittijiet *tal-bniedem* u l-libertajiet fundamentali, u l-istat tad-dritt, prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri kollha u tirrispetta drittijiet fundamentali, kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet *tal-Bniedem* u l-Libertajiet Fundamentali u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, bħala prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja. ***Skont l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Komunità Ewropea, li jagħti lill-Kunsill is-setgħa li jieħu l-passi xierqa fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 152 tal-istess Trattat, jeħtieġ li titħeġġeġ l-integrazzjoni sistematika tal-aspetti kontra d-diskriminazzjoni u tal-opportunitajiet indaqs fil-politiki kollha, b'mod partikulari fil-qafas tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni li diġà jeżistu fl-oqsma tax-xogħol, tal-integrazzjoni soċjali, tat-tagħlim, tal-edukazzjoni u tas-saħħa***

pubblika.

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 2 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Għandha tingħata importanza ugwali lis-saħħa mentali u fiżika peress li din tal-ewwel hija assoċjata ma' mard kardjovaskolari, kanċer u dijabete bħala konsegwenza ta' abbuż u dipendenza mid-drogi.
	Persuni li jbatu minn problemi ta' saħħa mentali serji huma l-aktar esposti għal stigma soċjali, faqar, għażliet ta' djar fejn jgħixu limitati u diffikultajiet fl-aċċess għall-kura tas-saħħa fiżika, filwaqt li l-mard mentali bħad-dipressjoni jew l-ansjetà jikkontribwixxu biex iżidu l-ispejjeż minħabba l-produttività mitlufa tal-ħaddiem.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 2 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2 b) Is-saħħa fiżika u mentali u l-ġid huma ċ-ċentru tal-kwalità tal-għajxien tal-persuni u tas-soċjetà u huma fattur essenzjali għat-twettiq tal-objettivi tal-istrateġija ta' Liżbona tal-Unjoni.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 3 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3 a) Iċ-ċittadini jistennew li jkun hemm azzjoni aktar komuni fil-qasam tas-saħħa u li, madankollu, hemm inugwaljanzi kbar fil-livell ta' għajnuna fil-kura tas-saħħa bejn l-Istati Membri u fl-istess Stat, bl-istess mod li jeżistu oqsma fejn l-Istati Membri waħedhom ma jistgħux joperaw b'mod effikaċi. Fid-dawl ta' dan jeħtieġ li jittieħed impenn akbar mill-Unjoni, anki bi prospettiva ta' politika tas-saħħa komuni li tissodisfa l-interessi taċ-ċittadini.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 3 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3 b) L-aċċess għall-kura tas-saħħa huwa dritt fundamentali, stabbilit mill-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[1] u l-għotja ta' aċċess indaqs għal kulħadd għal sistema tas-saħħa ta' kwalità għolja, huwa dmir ta' importanza primarja tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri.
	[1] ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 4 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4 b) Id-differenzi fis-soċjetà Ewropea jirrappreżentaw element ċentrali tal-integrazzjoni kulturali, politika u soċjali tal-Unjoni u għandhom ikunu rispettati.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 4 c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4 c) Stat ta' saħħa tajba huwa indispensabbli għall-ġid fiżiku u mentali. Barra mid-differenzi bijoloġiċi, il-fatturi li jaffettwaw is-saħħa pubblika b'mod partikulari huma l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi, l-ambjent kif ukoll l-edukazzjoni, il-kuxjenza u l-informazzjoni. Id-drittijiet taċ-ċittadin u r-responsablità taċ-ċittadin lejn is-saħħa proprja huma fundamentali, u minn dan tinbet l-importanza li jiġu promossi programmi ta' edukazzjoni fis-saħħa u li s-setturi kollha tas-soċjetà jitħeġġu biex jadottaw stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa. L-inizjattivi maħsuba biex inaqqsu l-inugwaljanza bejn is-sistemi tas-saħħa għandhom jinkludu promozzjoni bil-għan li tedkua l-pubbliku;

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 4 d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4 d) Il-vjolenza kontra n-nisa, l-iskjavitù

	sesswali u l-prostituzzjoni huma whud mill-problemi prinċipali tas-saħħa li jaffetwaw lin-nisa. Minkejja li l-vjolenza fuq in-nisa hija problema ta' saħħa pubblika li hija l-aktar imxerrda, fenomenu bħal dan ma jistax jitqies fl-edukazzjoni u l-prattika medika.
	Skont l-istimi tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa, għallinqas mara minn kull ħamsa fid-dinja sofriet mill-anqas abbuż fiżiku jew mentali wieħed f'ħajjitha. Il-ġlieda kontra l-fastidju sesswali u l-vjolenza kontra n-nisa għandha tirrappreżenta azzjoni prijoritarja tal-Komunità, anki fl-azzjonijiet speċifiċi fil-qasam tas-saħħa pubblika.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni,	*Emenda*
(9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, *inkluż akkomodazzjoni*. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma koperti.	(9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, *inklużi l-akkomodazzjoni* ***u s-saħħa***. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma koperti.

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 12 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni,	*Emenda*
	(12a) Huwa mifhum li d-diskriminazzjoni tinkludi ċ-ċaħda ta' trattament mediku għal raġunijiet ta' età waħedhom.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Fl-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, il-Komunità għandha, skond l-Artikolu 3(2) tat-Trattat KE, timmira sabiex telimina inugwaljanzi, u li tippromwovi ugwaljanza bejn irġiel u nisa, speċjalment peress li n-nisa huma ħafna drabi l-vittmi ta' diskriminazzjoni multipla.	(13) Fl-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, il-Komunità għandha, skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat KE, timmira sabiex telimina inugwaljanzi, u li tippromwovi ugwaljanza bejn irġiel u nisa, speċjalment peress li n-nisa huma ħafna drabi l-vittmi ta' diskriminazzjoni multipla. ***Għal dan il-għan jeħtieġ li l-ambitu tal-protezzjoni jiġi estiż biex ikopri wkoll il-fenomenu tad-diskriminazzjoni multipla.***

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 19 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni,	*Emenda*
	(19a) L-Istati Membri għandhom jappoġġjaw is-sħubiji bejn persuni b'diżabilita fit-tagħlim u/jew problemi fis-saħħa mentali biex iqajmu kuxjenza dwar id-drittijiet tagħhom, jippreżentaw proposti għal servizzi aħjar u jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar mediċini ġodda u trattamenti innovattivi.

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni	(21) Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni

għandha tkun bla ħsara għaż-żamma jew adozzjoni minn Stati Membri ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi li jbatu grupp ta' persuni ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. L-għan ewlieni tagħhom huwa l-promozzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' dawk il-persuni.	għandha tkun bla ħsara għaż-żamma jew adozzjoni minn Stati Membri ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi li jbatu grupp ta' persuni ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. ***Il-liġi Komunitarja fil-qasam tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni ma tipprojbix lill-Istati Memrbi milli jżommu jew jadottaw miżuri speċifiċi maħsuba biex jevitaw jew jikkumpensaw il-preġudizzji marbutin mar-raġunijiet ta' diskriminazzjoni li kontriha trid tingħata l-protezzjoni.*** Misuri bħal dawn jistgħu jippermettu li jitwaqqfu organizzazzjonijiet li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-promozzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' dawk il-persuni li jagħmlu parti minn gruppi speċjali msejsa fuq ir-reliġjon jew fuq it-twemmin personali, fuq id-diżabilità, fuq l-età jew fuq l-orjentazzjoni sesswali.

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) L-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali jirrikjedi protezzjoni ġudizzjarja kontra vittimizzazzjoni.	(25) L-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali jirrikjedi protezzjoni ġudizzjarja kontra vittimizzazzjoni. ***Protezzjoni legali effikaċi tad-drittijiet individwali għandha tkun akkumpanjata minn promozzjoni attiva ta' sitwazzjoni bla diskriminazzjoni u opportunitajiet indaqs.***

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 30 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) Hija responsabilità tal-Istati Membri sabiex jiggarantixxu saħħa tajba liċ-ċittadini kollha u għal dan il-għan jeħtieġ li jkun hemm kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u ċ-ċittadini.

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 30 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30b) L-għajnuna sanitarja teħtieġ l-appoġġ ta' politiki effikaċi fl-oqsma u fil-livelli kollha, fl-Istati Membri u fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fuq il-livell globali. Barra minn hekk, minħabba l-eżistenza ta' theddidiet ġodda għas-saħħa, li spiss ikunu transkonfinali, bħall-pandemiji, il-patoloġiji l-ġodda li jittieħdu u t-terroriżmu bijoloġiku, kif ukoll l-effetti tat-tibdil fil-klima u tal-globalizzazzjoni, speċjalment għall-ikel u l-migrazzjoni, il-problema tas-saħħa għandha tkun iffaċċjata bl-istess mod bħal kwistjoni politika fundamentali, fl-ispirtu tat-trattat ta' Liżbona u tal-Istrateġija ta' Liżbona u b'integrazzjoni fl-oqsma kollha li huma kompetenza tal-Unjoni.

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 31 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31a) Jeħtieġ li jkun hemm informazzjoni xierqa dwar il-leġiżlazzjoni eżistenti sabiex ikun possibbli li l-vittmi li fir-rigward tagħhom hemm potenzjal ta' diskriminazzjoni jkunu jistgħu jagħmlu rikors għalihom, u bil-għan li min iħaddem, min jagħti servizz u l-amministazzjoni jkunu infurmati dwar l-obbligi tagħhom. Madankollu, l-għarfien tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni huwa limitat ħafna. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi u tappoġġja l-ħidma fl-edukazzjoni u l-informazzjoni rigward il-liġi eżistenti, billi tirrikorri b'mod partikulari lejn il-partijiet interessati prinċipali, li fosthom dawk li għandhom il-kariga tal-kwistjonijiet ta' ugwaljanza, l-imħallfin, il-persuni mgħallma fil-liġi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-isħab soċjali.

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 a – paragrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni,	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Definizzjonijiet
	1. Persuni b'diżabilità jinkludu lil dawk li għandhom difetti fiżiċi, mentali, intellettwali jew sensorji għal żmien twil, li flimkien ma' ostakoli varji jistgħu jfixklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali mal-oħrajn.

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' "persuni b'diżabilità" għandha tkun identika fl-Istati Membri kollha, biex tiggarantixxi trattament ugwali. Għalhekk, id-definizzjoni fid-Direttiva għandha tikkorrispondi mad-definizzjoni użata fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet.

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 a – paragrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni,	*Emenda*
	2. "Universal design" tfisser id-disinn ta' prodotti, ambjenti, programmi u servizzi li jkunu disponibbli għall-persuni kollha, fuq firxa kemm jista' jkun wiesgħa, mingħajr il-ħtieġa ta' adattament jew disinn speċjalizzat. Il-"universal design" ma jeskludix mezzi ta' għajnuna għal ċerti gruppi ta' persuni b'diżabilità, sakemm ikunu neċessarji.

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi żgurat aċċess ġenwin u mhux diskriminatorju għall-persuni b'diżabilitajiet għal prodotti li huma disponibbli għall-pubbliku, għandha ssir promozzjoni ta' prodotti li jistgħu jintużaw minn kulħadd. Għalhekk, id-definizzjoni fid-Direttiva Design universali għandha tikkorrispondi mad-definizzjoni użata fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet.

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 a

Test propost mill-Kummissjoni,	*Emenda*
a) Il-miżuri neċessarji li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ***ikollhom*** aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal protezzjoni soċjali, vantaġġi soċjali, protezzjoni tas-saħħa, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni u trasport, għandhom	a) Il-miżuri neċessarji li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ***li jiġu kkonsultati dwar il-ħtiġijiet tal-kura tagħhom u li jkollhom*** aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal protezzjoni soċjali, vantaġġi soċjali, protezzjoni tas-saħħa, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli

ikunu provduti b'antiċipazzjoni, inkluż permezz ta' tibdil jew aġġustamenti xierqa. Dawn il-miżuri ma għandhomx jimponu piż sproporzjonat, u lanqas jirrikjedu tibdil fundamentali tal-protezzjoni soċjali, il-vantaġġi soċjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, jew il-provvisti u s-servizzi kkonċernati, jew jirrikjedu l-istabbiliment ta' alternattivi għalihom.	għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni u trasport, għandhom ikunu provduti b'antiċipazzjoni, inkluż permezz ta' tibdil jew aġġustamenti xierqa. Dawn il-miżuri ma għandhomx jimponu piż sproporzjonat, u lanqas jirrikjedu tibdil fundamentali tal-protezzjoni soċjali, il-vantaġġi soċjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, jew il-provvisti u s-servizzi kkonċernati, jew jirrikjedu l-istabbiliment ta' alternattivi għalihom.

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni,	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-possibilità ta' l-aċċess għas-servizzi elettroniċi għall-persuni b'diżabilità.

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Premessa 4 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Trattament indaqs fis-sistemi tas-saħħa
	1. Salv il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenzi tal-Istati Membri fil-qasam għall-garanzija tar-rispett tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn il-persuni:
	a) huwa meħtieġ li l-enfasi jkun fuq l-istrateġiji ta' prevenzjoni tal-mard. Il-miżuri ta' prevenzjoni, msejsa fuq data xjentifika għandhom iqisu fost oħrajn l-aspetti ċentrali dwar il-ġens kif ukoll fatturi oħra kkawżati min-nuqqas ta' ugwaljanza.
	b) l-Istati Membri għandhom jużaw

statistika u data maqsuma skont il-ġens fil-qasam tal-mediċina u s-saħħa;

c) fil-qasam tar-riċerka medika u tal-ipperfezzjonar ta' mediċini ġodda, jeħtieġ li jiżdied l-għarfien tal-karatteristiċi fiżiċi differenti tan-nisa u tal-irġiel u jiżdied l-għarfien dwar id-differenzi tal-effetti li jirriżultaw mill-użu ta' mediċini;

d) fl-istrateġiji politiċi dwar is-saħħa jeħtieġ li titqies l-eżistenza ta' fatturi ambjentali li għandhom effett b'mod partikulari fuq is-saħħa tal-kategoriji vulnerabbli bħan-nisa tqal u waqt it-treddigħ, it-tfal, l-adolexxenti u l-persuni b'diżabilità, li saħħithom hija preġudikata, b'mod partikulari, minn fatturi ambjentali perikoluż;

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiggarantixxu li jiġu promossi u mħarsa d-drittijiet taċ-ċittadini fir-rigward ta' saħħithom, anki permezz tal-promozzjoni ta' programmi ta' edukazzjoni dwar is-saħħa u t-tħeġġiġ tas-setturi kollha tas-soċjetà sabiex jgħixu ħajja tajba għas-saħħa.

3. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi Programmi ta' edukazzjoni magħmula b'mod speċifiku għall-persuni li jaħdmu fil-kura tas-saħħa u fis-setturi relatati mas-saħħa.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 10 - inċiż 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni tippromwovi ħidma ta' edukazzjoni, tgħalim kontinwu u informazzjoni rigward il-leġiżlazzjoni eżistenti, diretta b'mod partikulari lejn il-partijiet prinċipali interessati.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex ikun promoss il-prinċipju ta' trattament ugwali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu djalogu ma' partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari organizzazzjonijiet mhux governattivi, li għandhom, skond il-liġi u l-prattika nazzjonali, interess leġittimu sabiex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra diskriminazzjoni għar-raġunijiet u fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.	Sabiex ikun promoss il-prinċipju ta' trattament ugwali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu djalogu ma' partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari ***mal-assoċjazzjonijiet rappreżentanti tal-impjegati fil-kura tas-saħħa u fis-setturi relatati mas-saħħa kif ukoll mal-*** organizzazzjonijiet mhux governattivi, li għandhom, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali, interess leġittimu sabiex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra diskriminazzjoni għar-raġunijiet u fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva. ***Il-Kummissjoni tiġbor, tanalizza u xxerred informazzjoni oġġettiva, li tista' titqabbel ma' oħra, affidabli u rilevanti, kif ukoll ir-riżultati tar-riċerki u l-aħjar prattiki disponibbli.***

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa mhux aktar tard minn .... jew kull ħames snin wara dan, l-Istati Membri u l-korpi ta' ugwaljanza nazzjonali għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha neċessarja għall-Kummissjoni sabiex tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.	1. Sa mhux aktar tard minn .... jew kull ħames snin wara dan, l-Istati Membri u l-korpi ta' ugwaljanza nazzjonali, ***flimkien mal-Istitut Ewropew għall-ugwaljanza fil-ġens,*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha neċessarja għall-Kummissjoni sabiex tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
2. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jqis, kif xieraq, il-perspettivi ta' l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet rilevanti mhux	2. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jqis, kif xieraq, il-perspettivi tal-imsieħba soċjali u ta' organizzazzjonijiet rilevanti

governattivi, kif ukoll l-Aġenzija ta' Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Skond il-prinċipju dwar studji tas-sessi, dan ir-rapport għandu, inter *alias*, jipprovdi stima ta' l-impatt tal-miżuri meħuda fuq nisa u rġiel. Fid-dawl ta' l-informazzjoni li waslet, dan ir-rapport għandu jinkludi, jekk neċessarju, proposti għar-reviżjoni u emenda ta' din id-Direttiva.

mhux governattivi, kif ukoll ***tal-Istitut Ewropew għall-ugwaljanza bejn il-ġens, u*** tal-Aġenzija ta' Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju dwar studji tas-sessi, dan ir-rapport għandu, inter *alia*, jipprovdi stima tal-impatt tal-miżuri meħuda fuq nisa u rġiel ***speċjalment f'dak li jirrigwarda s-setturi identifikati fl-Artikolu 3.*** Fid-dawl tal-informazzjoni li waslet, dan ir-rapport għandu jinkludi, jekk neċessarju, proposti għar-reviżjoni u emenda ta' din id-Direttiva.

PROĊEDURA

Titolu	Trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali
Referenzi	COM(2008)0426 – C6-0291/2008 – 2008/0140(CNS)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 2.9.2008
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Amalia Sartori 7.10.2008
Eżami fil-kumitat	1.12.2008
Data ta' l-adozzjoni	22.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 –: 3 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Adamos Adamou, Georgs Andrejevs, Liam Aylward, John Bowis, Frieda Brepoels, Martin Callanan, Dorette Corbey, Magor Imre Csibi, Avril Doyle, Mojca Drčar Murko, Edite Estrela, Jill Evans, Anne Ferreira, Karl-Heinz Florenz, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jens Holm, Marie Anne Isler Béguin, Caroline Jackson, Dan Jørgensen, Christa Klaß, Urszula Krupa, Marie-Noëlle Lienemann, Peter Liese, Jules Maaten, Linda McAvan, Riitta Myller, Miroslav Ouzký, Dimitrios Papadimoulis, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Guido Sacconi, Daciana Octavia Sârbu, Amalia Sartori, Richard Seeber, Bogusław Sonik, María Sornosa Martínez, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber, Glenis Willmott
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Inés Ayala Sender, Iles Braghetto, Philip Bushill-Matthews